# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 26 ta' Frar 2019**

**Kawza Numru : 35**
**Rikors Guramentat Numru : 31/2019/LSO**

**STL Limited [C 20590]**

**vs**

**Miriam Caruana detentrici tal-karta tal-identita' numerata 14784(M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf tas-socjeta` STL Limited [C 20590] datat 15 ta' Jannar 2019 fejn l-Perit Raymond Demicoli, detentur tal-karta tal-identita` numerata 780252(M), kif debitament awtorizzat ghan-nom ta' din is-socjeta` bil-gurament tieghu kkonferma li jaf personalment:

IIIi s-socjeta' rikorrenti hi s-sid tal-immobbli numerat 35, Trig il-Gendus, Valletta hekk kif jirrizulta mill-kuntratt datat 26 ta' April 2016 in atti tan-Nutar Dottor Tiziana Maria Refalo, hawn anness u markat Dok 'A'.

IIIi l-intimata, fil-perjodi sporadici li fihom ma tkunx residenti fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, qeghda tidhol abbuzivament fl-imsemmi fond appartenenti lis-socjeta' rikorrenti u tokkupah minghajr ebda jedd jew titolu validu fil-ligi. Illi s-socjeta' rikorrenti ghandha wkoll suspett serju li minn go dan il-fond l-intimata qed twettaq attivita` kriminali *stante* d-dipendenza taghha fuq id-droga.

Illi l-intimata giet interpellata sabiex ma tergax tidhol fil-fond mertu tal-kawza u thallieh battal izda inutilment.

Illi safejn taf is-socjeta' rikorrenti, il-konvenuta/intimata m'ghandha ebda eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba tas-socjeta' rikorrenti u ghalhekk din il-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, bil-procediment sommarju specjali.

Illi qed jigi anness affidavit tal-Perit Raymond Demicoli dwar il-fatti li hu jaf personalment, markat bhala Dokument B.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh u bil-procediment sommarju specjali skont kif kontemplat fl-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-intimata m'ghandha l-ebda titolu jew jedd li tidhol fi, jew tokkupa, il-fond numerat 35, Triq il-Gendus, Valletta u ghalhekk kull okkupazzjoni minnha tal-imsemmi fond hi minghajr ebda titolu validu fil-ligi u abbuziva;

3. Tordna l-izgumbrament tal-intimata mill-fond numerat 35, Triq il-Gendus, Valletta taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li joghgobha timponi din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u b'riserva ghal azzjoni ghad-danni spettanti lis-socjeta' rikorrenti konsegwenti ghall-okkupazzjoni bla titolu taghha tal-fond mertu tal-kawza.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-19 ta' Frar 2019, b' ordni lill-intimata biex tidher f' dik il-gurnata u twiegeb ghat-talbiet tar-rikorrenti, u fin-nuqqas il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 26 ta' Frar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher prezenti Ray Demicoli ghas-socjeta` attrici assistit minn Dr Brian Pace. Miriam Caruana msejha tliet darbiet ma dehretx. Il-Qorti rat li ma gieipprezentat l-ebda certifikat mediku jew gustifikazzjoni ohra.

Inghatat sentenza.

Il-Qorti rat l-artikolu 167 *et sequens* tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat li l-intimata debitament notifikata ma dehretx sabiex iggib il-quddiem xi ragunijiet bizzejjed biex tikkontesta t-talbiet attrici.

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkonsidrat li t-talbiet attrici huma gustifikati skont il-ligi.

Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kit dedotti u ghal fini tat-tielet talba tordna

l-izgumbrament tal-intimata mill-fond 35, Triq il-Gendus, Valletta fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum.

L-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Frar 2019**

**Annalise Spiteri**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Frar 2019**